C/2024/7465

17.12.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11570 – MIDEA / ARBONIA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7465)

1. Fil-11 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Midea Group Co. Ltd. ("Midea", iċ-Ċina),

— Arbonia Climate Division ("Arbonia", l-Iżvizzera), ikkontrollata minn Arbonia AG (l-Iżvizzera).

Midea se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Arbonia kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Midea huwa grupp globali tat-teknoloġija attiv fil-manifattura u l-bejgħ ta' apparat domestiku, ta' sistemi tal-arja kundizzjonata u tat-teknoloġija tal-bini, ta' servizzi u komponenti għat-teknoloġija industrijali, ir-robotika u l-awtomatizzazzjoni,

— Arbonia timmanifattura u tbigħ prodotti sostenibbli tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-kesħa, tal-ħżin tas-sħana u tal-enerġija, tad-distribuzzjoni tas-sħana u tal-kesħa, tal-ventilazzjoni u tal-filtrazzjoni tal-arja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11570 – MIDEA / ARBONIA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").